

Appell ippreżentat fil-5 ta' Jannar 2018 minn Marine Harvest ASA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fis-26 ta' Ottubru 2017 fil-Kawża T-704/14, Marine Harvest ASA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-10/18 P)

(2018/C 142/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Marine Harvest ASA (rappreżentant: R. Subiotto QC)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- Tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, totalment jew parzjalment;
- Tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2014 jew, alternattivament, tannulla l-multi imposti fuq l-appellanti skont id-deċiżjoni jew, alternattivament ukoll, tnaqqas sostanzjalment il-multi imposti fuq l-appellanti skont id-deċiżjoni;
- Tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż legali u oħrajn, kemm ta' dawn il-proċeduri kif ukoll tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali;
- Skont il-bżonn, tirrinwija l-kawża lill-Qorti Ġenerali għal kunsiderazzjoni mill-ġdid skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;
- Tieħu kull miżura oħra li din il-Qorti tal-Ġustizzja jidhrilha xierqa.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell, l-appellanti tibbaża fuq żewġ aggravji.

1. Permess tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat fil-liġi billi naqset milli tapplika l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ (ir-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet) f'dan il-każ.
 - a. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali żbaljat fil-liġi fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konċentrazzjoni waħda", b'mod partikolari billi tiċħad il-Premessa 20 tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet bħala bażi għall-interpretazzjoni tar-rieda tal-leġiżlatur tal-UE li jitratta t-tranżazzjoni kollha "li jkunu relattati b'kundizzjoni".
 - b. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali żbaljat fil-liġi fl-interpretazzjoni tar-ratio tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet.
2. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat fil-liġi meta imponiet żewġ multi għall-istess aġir.
 - a. Is-sentenza kisret il-prinċipju ta' *ne bis in idem* billi mmultat lil Marine Harvest darbtejn talli akkwistat it-titlu għall-partiċipazzjoni azzjonarja ta' Malek ta' 48,5 %: 10 miljun euro darba fuq il-bażi tal-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet talli allegatament implimentat il-konċentrazzjoni qabel in-notifika (ksur allegat tal-Artikolu 4 (1) tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet) u 10 miljun euro oħra fuq il-bażi tal-Artikolu 14(2)(b) tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet talli allegatament implimentat il-konċentrazzjoni qabel ma tkun ġiet iddikjarata kompatibbli mas-suq komuni (ksur allegat tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet).

- b. Sussidjarjament, is-sentenza kisret il-prinċipju ta' kumpens għaliex naqset milli tiegħu inkunsiderazzjoni l-ewwel penalità meta ddeterminat it-tieni penalità.
- c. B'mod iktar sussidjarju, is-sentenza żbaljat fil-liġi billi naqset tapplika l-prinċipju ta' offiżi konkorrenti: il-ksur allegat tal-obbligu ta' notifika fl-Artikolu 4(1) kien l-offiża iktar speċifika u għalhekk assorbiet il-ksur allegat tal-obbligu ta' waqfien fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet, li kienet l-offiża iktar ġenerali.

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szegedi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fit-8 ta' Jannar 2018 – Sole-Mizo vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

(Kawża C-13/18)

(2018/C 142/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Szegedi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Sole-Mizo Zrt.

Konvenut: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

Domandi preliminari

- 1) Ir-regoli tad-dritt Komunitarju, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (¹) (iktar 'il quddiem "id-Direttiva VAT") (fid-dawl, b'mod partikolari, tal-Artikolu 183 tagħha), u l-prinċipji ta' effettività, ta' effett dirett u ta' ekwivalenza jipprekludu prassi interna ta' Stat Membru fl-applikazzjoni tar-regoli rilevanti fil-qasam ta' interessi moratorji, li bis-saħħa tagħha l-awtorità fiskali nazzjonali ma wettqitx ksur (nuqqas), jiġifieri li ma kienx hemm min-naħa tagħha dewmien ta' ħlas fir-rigward tal-parti li ma tistax tinġabar tal-VAT fuq l-akkwisti mhux irregolati tal-persuni taxxabli, għaliex, fiż-żmien fejn l-awtorità fiskali nazzjonali ħadet deċiżjoni, il-kundizzjoni tad-dritt nazzjonali li tmur kontra d-dritt Komunitarju kienet regola fis-seħħ u l-inkompatibbiltà ta' din il-kundizzjoni mad-dritt Komunitarju ġiet ikkonstatata biss iktar tard mill-Qorti tal-Ġustizzja?
- 2) Id-dritt Komunitarju, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva VAT (fid-dawl b'mod partikolari tal-Artikolu 183 tagħha), il-prinċipju ta' ekwivalenza, kif ukoll il-prinċipji ta' effettività u ta' proporzjonalità, jipprekludu prassi interna ta' Stat Membru li, fl-applikazzjoni tar-regoli rilevanti fil-qasam ta' interessi moratorji, jagħmel distinzjoni li ttiprovdi li n-nuqqas ta' rimbors tat-taxxa mill-awtorità fiskali jseħħ fl-osservanza tar-regoli tad-dritt nazzjonali fis-seħħ li jirriżultaw li jkun kuntrarji għad-dritt Komunitarju jew li jiksruh, billi jidentifika, fir-rigward tar-rata ta' interessi fuq il-VAT li ma tistax tinġabar f'terminu raġonevoli minħabba kundizzjoni ta' dritt nazzjonali ġġudikata li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, żewġ perijodi distinti kkaratterizzati minn dan li

— għall-ewwel perijodu – peress li l-leġiżlazzjoni Ungeriża li tmur kontra d-dritt Komunitarju kienet għadha fis-seħħ fiż-żmien u li, għaldaqstant, l-awtoritajiet fiskali Ungeriżi ma wettqux ksur billi ma awtorizzawx ir-imbors f'terminu raġonevoli tal-VAT imsemmija fil-fatturi –, il-persuni taxxabli setgħu jitolbu biss, abbażi ta' interessi moratorji, interessi bir-rata bażika tal-Bank Ċentrali, filwaqt li,